MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 390/2005

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu f'Malta fir-Registru taz-Zwigijiet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (Dok A) u miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal u l-konvenuta hija ta' nazzjonalita barranija kif jirrizulta mill-istess certifikat Dok A;

U peress li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

U peress ukoll li dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunses tal-konvenuta kienet vizzjata minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U peress ukoll li dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunses tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U peress ukoll li l-kunsens tal-konvenuta kien stimulat u iz-zwieg kien ghaliha wiehed ta' konvenjenza, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-subincizi (c) (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Tghid il-konvenuta il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta' Malta, fl-24 ta' Novembru 2004 a tenur tal-artikolu 19(1)(c)(d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta Novembru 2004 huwa null u bla effett u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv (Dokument A);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-24 ta' Novembru 2004 huwa null fil-ligi stante li l-vizzju tal-kunsens matrimonjali huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Illi l-Qorti semghet l-attur jiddeponi u taghtih affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-attur, li ghandu disabilita' fisika rizultat ta' incident li kellu, izzewweg fl-24 ta' Novembru 2004 lill-konvenuta mara ta' nazzjonalita' Nigerjana li f' dak iz-zmien kienet qeda Malta fuq visa mensili.  L-attur spjega li huwa kien iltaqa' mal-konvenuta permezz ta' l-internet ftit xhur qabel iz-zwieg u sussegwentement f' Lulju 2004 dina giet Malta u wara konvivenza qasira l-koppja zzewwget fid-data fuq indikata.  F' Dicembru 2004 il-konvenuta marret lura pajjizha ghal xahar shih u f' Jannar 2005 hija rritornat u bdiet tahdem f' Malta.  Minn hawn beda jirrizulta car li l-konvenuta ma rieditx tibqa' tghix il-hajja mizewwga ma' l-attur u di fatti f' Lulju ta' l-istess sena abbandunat id-dar konjugali.

Il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza fil-konfront tal-konvenuta il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-Artikolu precitat, u dana stante li jirrizulta car u manifest li, ghalkemm il-konvenuta esternament kienet tat il-kunsens taghha hija internament kienet eskludiet iz-zwieg innifsu u l-obbligi essenzjali tal-hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fl-24 ta’ Novembru 2004, u tordna d-debita annotazzjoni fl-Att taz-zwieg relattiv.  L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------